## LILL-WARDA TAS-SUR IVO

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

*Lil Habibi Anton Agius*
*li ħajjarni niktibhom.*

I

M'hemmx għalfejn noqgħod ninħela
biex ninsiġlek il-foħrija
tal-ġmel tiegħek, għax biżżejjed
tgħid li int Warda Maltija
biex kulħadd malajr jintebaħ
illi fik hemm elf sbuħija.

II

M'hemmx għalfejn noqgħod insemmi
dik il-fwiħa li tagħnik,
li tnessina d-Djieq tal-Ħajja,
fwieħa mbierka li tħennik,
għax poeti oħra qabli
ġà għannew elf għanja għalik.

III

U m'hemmx ħtieġa li ninħela
biex nistqarr kemm jisgħobbija
talli ħajtek hi hekk mgħaġġla,
— ħolma, mewġa qabbiżija —
li bil-kemm tkun rat il-Bidu
li ma ssibx f'salt it-Temmija.

IV

Iżda għal mitt-elf-darba nibqa'
nitlob f'qalbi tul iż-żmien
li jekk ħajti ma tkunx tixbaħ
dik il-fwieħa u dawk l-ilwien
li int għandek — iva, nitlob
illi *qablek* nintemm jien.

---

## ĠAHWAR TA' ĦSEBIJIET

Il-bnieden qatt ma għandu jistħi jgħid li għandu tort, jiġifieri illi huwa l-lum jaħseb aħjar minn qabel.

Biċċa min-nies taħseb bla ma tagħmel, oħrajn jagħmlu bla ma jaħsbu.